**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 23, 31, 86, 87 (1) ( c), 111(2), 216 (1) (a) (ii) (b), 335W, 382A, 383, 383, 386, 412C u 533**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru:184 /2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**JOSEPH MICALLEF**
**(ID 602460M)**

**CLYDON MICALLEF**
**(ID 42786M)**

**LUKE MICALLEF**
**(ID 55290M)**

**Illum 2 ta' Marzu, 2016.**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **JOSEPH MICALLEF** ta' 52 sena, imwieled fil-25 t'Awwissu, 1960 gewwa l-Pieta', bin Peter u Giovanna nee' Dimech, residenti Peprina, Triq il-Qattus, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 602460M;

U

**CLYDON MICALLEF** ta' 27 sena, imwieled fl-1 ta' Novembru, 1985 gewwa l-Pieta', iben Joseph u Catherine nee' Borg, residenti Peprina, Triq il-Qattus, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 42786M;

U

**LUKE MICALLEF** ta’ 22 sena, imwieled fl-1 ta’ Jannar, 1990 gewwa l-Pieta’, iben Joseph u Catherine nee’ Borg, residenti Peprina, Triq il-Qattus, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 55290M;

Gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fis-26 ta' Dicembru, 2012 ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar (16:00hrs) u l-hinijiet ta’ wara gewwa l-istabbiliment bl-isem ‘J & M’ Discount Store, li jinsab fi Triq tal-Barrani, Zejtun ikkagunaw ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Seisun, numru tal-karta tal-identita’ 412870M, ta’ 42 sena minn Rahal Gdid, skond kif iccertifikat minn Dr. Josianna Sammut M.D. (Med. No. 2329) mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, kif ukoll minn Dr. Amanda Bartolo M.D. (Med No 3013) mid-Dipartiment tal-E.N.T. tal-isptar Mater Dei;

2. Talli bla ordni skont il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Anthony Seisun, numru tal-karta tal-identita’ 412870M, ta’ 42 sena minn Rahal Gdid, kontra l-volonta’ tieghu, jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

Lil **JOSEPH MICALLEF** u lil **LUKE MICALLEF** akkuzati:

3. Talli f’kull kaz iehor mhux imsemmi f’disposizzjonijiet ohra ta’dan il-Kodici, xjentement issoprimew jew b’xi mod iehor qerdu jew bidlu t-tracci jew l-indizji ta’ reat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom tlett (3) estratti mill-att tat-twelid tat-tlett (3) imputati mmarkati bhala Dok. CF1, CF2 u CF3 rispettivament a fol. 6 et sequitur, tlett (3) fedini penali tat-tlett (3) imputati mmarkati bhala Dok. CF4, CF5 u CF6 rispettivament a fol. 9 et sequitur, dikjarazzjoni ta’ rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-Avukat tal-imputati Clydon Micallef u Luke Micallef immarkati

bhala Dok. CF7 u CF8 rispettivament a fol. 17 u 18, tlett (3) stqarrjiet tat-tlett (3) imputati mmarkati bhala Dok. CF9, CF10 u CF11 rispettivament a fol. 19 et sequitur, Dok. CF12 a fol 30 u 31, certifikat mediku mmarkat bhala Dok. CF13 a fol. 32A, certifikat mediku CF14 a fol. 32, certifikat mediku mmarkat bhala Dok. CF15 a fol. 33, GP Assessment of Injury immarkat bhala Dok. CF16 a fol. 34 tal-Process u l-okkorrenza Dok EG1 a fol 44 et seq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar l-1 ta' Lulju, 2013 xehed **PS827 Edward Grech** u spjega li nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru, tal-elfejn u tnax (2012) ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija (5:15p.m.) gew infurmati mill-*Control Room* li kien hemm persuna li nqabdet tisraq fil-fatt gewwa GM Discount Store li qieghed tal-Barrani, iz-Zejtun. Huma marru mmedjatament fuq il-post fejn minn investigazzjonijiet preliminari rrizulta li kien hemm persuna li dahlet go stabbiliment u kien seraq xi zewg fliexken *whisky* tal-marka Jack Daniels. X'hin kienu fuq il-post tkellmu ma' sid l-istabbiliment cioe' Joseph Micallef fejn dan qalilhom li aktar kmieni dakinhar stess kien qieghed fl-ufficcju tieghu jiccekkja s-CCTV *camera* u nnota li kien hemm persuna tas-sess maskili li kien qed jisraqlu minn gol-hanut fliexken tax-xorb. Qal li dan kien hadlu erbat ifliexken ohra filghodu, cioe' tnejn (2) tal-Jack Daniels u tnejn (2) Grants.

Ix-xhud qal li ghalhekk l-imghallem mar jiccekkja mal-haddiema biex joqoghdu iktar mohhhom hemm fuq in-nies li kienu qed jidhlu gol-hanut, u ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart (4:45) waqt li kien qieghed gol-istabbiliment tieghu nnota l-istess persuna li kien ghadu kif ra fuq is-CCTV *camera* iktar qabel. Meta resaq lejh biex ikellmu, dan (Anthony Seisun), habat ghalih u nqalghet kommozzjoni bejn Seisun, Joseph Micallef u tnejn mit-tfal tieghu l-ko akkuzati cioe' Luke u Clyde Micallef.

PS827 zied li mbaghad ha l-Ghassa lil Anthony Seisun. L-Ispettura kienet maghhom fuq il-post ukoll. Lil Seisun tawh is-solita twissija u d-dritt tal-avukat,

kif ukoll haduh l-Paola Health Centre sabiex jigi kkurat fuq il-griehi li kellu minhabba il-kommozzjoni li kienet inqalghet.

Minn fuq il-post elevaw z-zewg fliexken whisky li kienu gol-gakketta l-hadra li kien liebes Seisun dakinhar, martell, *mobile* u affarijiet ohra bhal beritta u gizirana. Huwa kkonferma li ha lil Seisun l-isptar Mater Dei ghal kura u dan gie certifikat li kien qed issofri minn griehi gravi.

In kontro ezami mistoqsi jekk il-gakketta, il-martell u l-beritta li tkellem dwarhom kienux fil-pusess tieghu wiegeb li l-martell, il-beritta u l-basket kienu fil-pussess tal-pulizija pero' l-gakketta ma jafx x'sar minnha wara li ghaddieha lill-Ispettura. Huwa spjega li l-affarijiet ittiehdu l-Ghassa u l-gakketta jiftakar zgur li giet iffotografata. Mistoqsi jekk il-gakketta kellhiex xi haga partikolari fuq in-naha ta' gewwa spjega li l-gakketta kien fiha xi toqob bejn id-drapp u l-*cover* ta' gewwa fejn jidhlu l-fliexken tal-whisky fejn bniedem jista' jahbi.

Illi nhar l-1 ta' Lulju, 2013 xehdet **Dr. Amanda Bartolo** u spjegat li dak ic-certifikat esebit fl-atti huwa mahrug minnha. Hija kienet wahda mit-tobba li ezaminat lil Anthony Seisun. Hija tahdem fid-Dipartiment tal-ENT (*Ear, Nose and Throat)* u harget ic-certifikat u iddeskriviet il-ferita li Mr Seisun kellu f'widintu l-leminija. Huwa kellu qata' fin-naha ta' fuq tal-widna illi kienet tinvolvi ukoll ksur tal-qarquca u kellu bzonn li tigi premjata bicca mill-qarquca u jsiru punti fuq in-naha ta' quddiem u ta' wara tal-widna l-leminija. Hija spjegat li ezaminatu f'nofs il-lejl ta' bejn il-lejl tas-sitta u ghoxin (26) u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru. Mistoqsija kif iccertifikat dawn il-griehi, wiegbet li kienu ta' natura gravi. Iddikjarat li l-*medical registration number taghha hu three zero one three* (3013). Mistoqsija ghaliex il-ferita giet klassifikata bhala ta natura gravi spjegat li l-ferita fil-widna hija vicin il-wicc. Hawn min iqis il-widna bhala parti mill-wicc ukoll, allura jista' jkun li thalli *scar*. Apparti minn hekk kien hemm ksur fil-qarquca.

Ix-xhud in kontro ezami giet mistoqsija jekk regghetx rat lil Seisun, u wiegbet li le u li ratu biss meta ghamlulu l-punti. Mistoqsija jekk tafx jekk marx lura Mater Dei

hija spjegat li min-naha taghhom ma regghux tawh appuntament izda qalulu jmur inehhi l-punti l-Polyclinic.

Illi nhar is-6 t'Awwissu, 2013 xehed **Anthony Seisun.** Il-Qorti taghtu t-twissija skond il-Ligi, izda hu ghazel illi jixhed dwar l-incidenti illi kellu gewwa l-hanut tal-imputati. Jghid li d-data ma jiftakarhiex pero' jahseb li kien il-perjodu tal-Milied, f'xi hin wara nofsinhar. Ftakar li kien mar fil-hanut tal-imputati, tela' t-tarag fuq tal-hanut stess u preciz kif wasal fejn kien hemm il-fliexken tax-xorb taghhom hass lil xi hadd jerfghu minn saqajh u kif huwa dar bdew jaghtuh bl-addocc. Spjega illi bdew isawtuh tnejn mill-imputati (cioe' dawk bilqeghda fl-Awla fit -truf u li gie nfurmat illi huma Clydon Micallef u Luke Micallef). In kwantu ghall-imputat l-iehor Joseph Micallef qal li dan qatt ma kien sawwtu.

Kompla li Clydon u Luke Micallef bdew jaghtuh bl-addocc, flimkien ma' zewg persuni ohra, wiehed ta' karnaggjon iswed u l-iehor ghadu zghir bin-nuccali. Lill-persuna tal-karnaggion sewda bdew iqabbduh jahsdel id-demm. Imbaghad kaxkruh sakemm dahhluh f'ufficcju fejn komplew jaghtuh bis-sieq. Indika lill-imputat bhala Clydon Micallef u qal li dan beda jaghtih b'siequ fuq wiccu waqt li l-ohrajn bdew izommuh. Tant beda jtih bi hdura li skond hu l-marka taz-zarbun tieghu baqghat immarkata fuq wiccu. Zied li mbaghad dawn gabu martell u beda jibza' li kienu ser jaghtuh bih pero' ma tawhx. Beda jismaghhom jghidu wkoll biex jaghlqu x-*shutter* u hemm ukoll beda jibza' hafna. Qal li mbaghad marru l-Pulizija w hassu ferhan. Spjega illi dawn li bdew isawwtuh kienu jieqfu ghal ftit u mbaghad ikomplu jtuh, hallewh mal-art u ma hallewhx iqum. Ghal certu hin hallewh wiccu l-isfel, pero' qatt ma hallewh iqum bil-wieqfa dejjem mal-art. Mistoqsi jekk il-hin kienx qasir minn meta issawwat ghal meta waslu l-pulizija wiegeb li ghalih kien twil. Xtaq li kien hemm *video* biex ikunu jistghu jarawh.

**Anthony Seisun** kompla jixhed nhar is-26 ta' Jannar, 2015 riprodott in kontro-ezami. Mistoqsi min kien wasslu fuq il-post, qal li fil-fatt kien iltaqa' ma' persuna fi Triq tal-Barrani u kien waqqafha. Stqarr li din kienet it-tieni darba li mar fuq il-post, u li l-ewwel darba li kien mar kien f'dak ix-xahar stess u cioe' f' Dicembru 2012. Mistoqsi jekk hux minnu li huwa mar fil-post biex jisraq, innega w qal illi kien mar biex jara jekk kienx hemm xi haga li jista' jixrob. Stqarr li kien minnu

li l-Pulizija pprocediet fil-konfront tieghu in konnessjoni ma' dan il-kaz u li akkuzatu b'serq. Stqarr ukoll li effettivament kien instab hati u nghata sentenza sospiza.

Muri ritratt esebit fl-atti mmarkat bhala dokument JM1, ikkonferma li dan hu proprjament il-hanut li dahal fih. Qal li huwa minnu ukoll li sabiex titla' fuq fejn sehh l-incident kif muri fir-ritratt trid titla' permezz ta' tarag. Mistoqsi fejn kien f'dan il-hanut tax-xorb meta sehh dan l-incident tal-glied spjega li qed jimmarka permezz ta' cirku fuq ir-ritratt fejn kien u spjega li effettivament l-incident beda fejn hemm cirku bin-numru *one* (1) u spicca fejn hemm cirku b'numru (2).

Muri r-ritratti li jinsabu esebiti fl-atti a fol. sebghin (70) tal-Process, b'mod partikolari erba' (4) ritratti u fir-rigward ir-ritratt markat bhala dokument S1, ikkonferma li hemmhekk hemm gakketta pero' sa fejn jaf hu il-gakketta tieghu kienet hadra. Mistoqsi ghaliex il-gakketta kienet imqatta' spjega illi kienet imqatta' sabiex ipoggi fliexken go fiha biex ma jarawhx hiereg bil-fliexken go fiha.

Spjega li lill-imputati jafhom peress li kien jixtri l-*pallets* minghand l-imputat Joseph Micallef. Zied li ma jiftakarx li f'xi hin Joe Micallef kien qal li kien ser icempel lill-Pulizija. Qal ukoll li meta gie s-Sur Micallef huwa ma seta' jaghmel xejn lanqas seta' jiccaqlaq. Mistoqsi jekk kellux *mobile* fuqu spjega li kellu, pero' fl-ebda hin ma pprova jcempel lil xi hadd. Qal li n-numru ma jiftakrux bl-amment. Ix-xhud zied jghid li huwa fl-ebda hin ma prova jahrab lanqas meta kien gej Joe Micallef ghal fuqu. Irrakkonta li huwa kien wiccu mal-fliexken u min beda jsawwtu fost l-imputati ma jafx u lanqas iccaqlaq meta beda jissawwat. Qal li fl-ebda hin Joe Micallef ma staqsieh ghalfejn mar jisirqu. Sostna li meta kien mar fil-hanut id-darba ta' qabel f'Dicembru, kien mar u xtrara.

Muri d-dokument JM2 u mistoqsi jekk huwa jidhirx fuq dawn ir-ritratti spjega li fuq dan ir-ritratt hemm il-persuna tieghu liebsa l-istess gakketta. Mistoqsi jekk kienx liebes beritta irrisponda li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk kienx mar dakinhar stess ukoll ftit qabel spjega li ma jiftakarx lanqas. Mistoqsi jekk l-ugiegh

f'widnejh ghaddilux qal li gieli jhossu. Meta gie mistoqsi jekk il-feriti li kellu kienux superficjali, spjega li effettivament kienu tbengil.

Illi nhar is-6 t'Awwissu, 2013 xehdet l-**Ispettur Carol Fabri** u spjegat li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru, elfejn u tnax (2012) ghall-habta tal-hamsa u kwart (5:15) dahlet telefonata li minn gewwa il-G and M Discount Stores ta' Triq il-Barrani, Birzebbuga kien hemm persuna li kienet inqabdet tisraq. Hija flimkien mas-Surgent 827 u Kuntistabli 441 accedew fuq il-post fejn sabu persuna mal-art u t-tlett (3) imputati, li gharfet fl-Awla, flimkien ma' persuna ohra. Qalet li l-vittma kien barra filwaqt li l-imputati kienu hergin u dehlin mill-ufficcju ghall-hanut. Dawn qalu lill-pulizija li Seisun kien dahal darbtejn fil-hanut taghhom u li Joseph Micallef ghokkritu ghajnejh fit-tieni okkazzjoni, ghalhekk kien ra l-*footage* u nduna li l-ewwel darba Seisun kien seraq xi fliexken tax-xorb. It-tieni darba Anthony Seisun ukoll deher jiehu xi fliexken u hawnhekk huwa gie mwaqqaf, fejn imbaghad gew infurmati il-Pulizija. Dak il-hin rat li Seisun kellu wiccu kollu demm. L-ewwel hsieb taghha kien peress li d-demm kien ikkoncentrat fuq in-naha tar-ras li tiehdu sabiex jiehu l-medikazzjoni mehtiega. Tkellmet mal-imputati pero' imbaghad hadet lil Seisun il-Polyclinic. Qabel hadet lil Seisun il-Polyclinic tatu t-twissijiet stante li gie arrestat, tatu id-dritt li jikkomunika m'Avukat, pero' qabel dan kollu haditu biex jiddewwa. Mill-Poliklinika gie rreferut l-isptar minhabba xi griehi li kellu f'wiccu u f'partijiet ohra ta' gismu ' specjalment f'widnejh. Is-Sur Seisun inzamm lejl l-isptar.

Spjegat li kif hareg mill-isptar is-Sur Seisun rega' gie arrestat, inghata d-dritt tal-Avukat, li huwa ma hax. Meta kellmitu dan ammetta li kien seraq minghand l-imputati u kien qalilha l-istorja ta' x'gara fit-tieni okkazjoni li dahal fil-hanut u qabduh jisraq. F'dan l-ambitu spjegat li kienu ser johorgu akkuzi fil-konfront ta' Seisun. Spjegat li dan kien seraq zewg flixken tax-xorb, li mbaghad inzammu mill-pulizija, harget l-ircevuta, u l-fliexken inghataw lura lis-sidien.

Tistqarr li qabel ma sejhet lill-imputati l-ghassa, marret biex issaqsi ghall-*footage*, fejn is-Sur Joseph Micallef taha zewg CD's li huma mmarkati FF1. Pero' meta Seisun inqabad jisraq ma tahiex l-istorja kollha. Qalet li lil Micallef talbitu l-*footage* ta' kollox, pero' dan kien qalilhom li l-*footage* bhala *footage*

m'ghandux, allura qabbdet lin-nies taghha biex jelevaw il-*footage*, ovvjament bil-kunsens tas-Sur Micallef. Spjegat li rrizulta li l-istorja ma kinitx giet irrekordjata kollha, pero' fil-bicca *footage* li l-kollegi taghha gabru jidhru l-imputati flimkien ma' persuna ohra jaraw *footage*, jirrimarkaw fuqu. Qalet li f'xi ritratti li se tesebixxi, dawn jidhru qed jimitaw il-mod kif il-persuna Seisun Anthony inqabad, kif u l-process li huwa qal li gralu hawnhekk. Ix-xhud esebiet is-CD, il-*footage* li ngabar u *stills* u ddikjarat li dawn gew markati bhala Dok. FF1, FF2, FF3, FF4 u FF5.

Kompliet li mbaghad hadet hsieb li Seisun jigi fotografat u li tigi wkoll fotografata il-gaketta tieghu. Mitluba tiddeskrivi l-gakketta, spjegat li l-gakketta hija gakketta hadra u daqsxejn hoxna.Qalet li fil-bwiet fuq wara kellu qasma fil-*lining* fejn kien ipoggi dak kollu li kien jisraq. Mistoqsija tispjega meta ttiehdu r-ritratti tal-*mug shots* qalet li dawk ittiehdu waqt li Seisun kien taht arrest, jigifieri meta gie arrestat mill-hanut Seisun kien gja liebes dik il-gakketta u kien bl-istess hwejjeg. Spjegat li l-gakketta kienet wahda semplici bil-buttuni w iz-zip fuq gewwa. Kompliet li fejn hemm il-bwiet fuq barra, ghandu zewg (2) *slits* fl-ikkuttinar, bhalma jidher fir-ritratti.

Mistoqsija liema hu r-ritratt li ddeskriviet, qalet li huma S4, S3 u S2. Spjegat li S1 hija l-gakketta minn quddiem u minn barra, id-dokumenti S2 sa S4 hija l-gakketta minn gewwa fejn jidher il-but tal-gakketta nnifisha. Mistoqsija jekk hemmx *false pockets,* wiegbet li dawn huma maqtughin fl-ikuttinar, fil-fatt huma maqsumin fl-ikkuttinar u fihom ipoggi l-affarijiet li jisraq. Minn barra din tidher gakketta normalissima. Esebiet ukoll set ta' tnax (12)-il ritratt tal-griehi li sofra Seisun li gew immarkati bhala Dok T1 sa T12. Hija spjegat li dawn huma ritratti fejn Seisun jidher liebes il-gakketta u fejn hemm ukoll indikati l-griehi li huwa sofra. Kien minn hemmhekk bdew l-investigazzjoni taghhom.

L-Ispettur Fabri ddikjarat li l-imputati qatt ma qalu li l-griehi li kellu Seisun kienu gew ikkagunati ghaliex kien dahal jisraqhom darbtejn, izda qalu li kienu griehi *self inflicted* ghax Seisun kien habat diversi drabi ma' hajt. Ziedet li pero' mal-hajt hija ma rat l-ebda dmija li juru li xi hadd seta' habat mieghu. Rigward il-martell

imsemmi minn Seisun qalet li dan kellu jigi esebit fis-seduta sussegwenti flimkien maz-zarbun ta' Clydon Micalef, li Seisun qal li dan kien tah bih. Ix-xhud kompliet li Clydon kien irrimarka li kien wegga' saqajh f'dan l-incident, l-imputat Joseph Micallef kien ilmenta li sofra xi griehi f'idejh pero' qatt ma pproduca certifikat mediku.

In kontro ezami giet mistoqsija jekk barra l-gakketta Seisun kienx liebes ukoll beritta, wiegbet li kellu beritta w basket. Hija qalet li marret *on site* mas-Surgent u l-Kuntistabbli taghha u telghet ukoll fuq. Sostniet li mkien ma rat hgieg imfarrak jew fliexken imkissrin mal-art, pero' kien hemm riha ta' xorb. Mistoqsija jekk huma waslux immedjatament, spjegat li x'hin dahlet it-telefonata nizlu mill-ewwel ghax inzerta li s-Surgent kien ghandha l-ufficcju Birzebbuga u kellhom bicca xoghol zghira u telqu mill-ewwel.

Illi nhar is-16 ta' Settembru, 2013 regghet xehdet l-**Ispettur Carol Fabri** u esebiet martell li nstab fuq il-post. Kemm l-imputati, kif ukoll il-vittma, sostnew li dan mhux taghhom. Dan gie markat bhala Dok. NS1. Esebiet ukoll beritta ta' kulur blu bil-griz, basket ta' kulur khaki u *lighter* li huma gabru minn fuq il-vittma li dakinhar kien allegat suspettat ta' serqa. Mistoqsija jekk dawn humiex tal-vittma, hija spjegat li dawn huma ta' Anthony Seisun u gew immarkati bhala Dok. NS2. Hija spjegat li minn fuq il-post, minn fuq Clydon Micallef, hadet iz-zarbun, peress li dak il-hin kienet rat id-demm fuqu. Qalet li talbitulu w tahulha. Dan gie esebit biex ikunu jistghu isiru xi testijiet fuq id-demm biex ikun stabbilit jekk dan hux tal-persuna ta' Seisun jew tal-imputat Clydon. Dan gie immarkat bhala Dok. NS3.

Illi nhar it-12 t'Awwissu, 2015 xehdet in kontro ezami l-**Ispettur Carol Fabri** u pprezentat il-fedina penali ta' Seisun li giet immarkata bhala Z mahruga fl-ghoxrin (20) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hmistax (2015). Esebiet ukoll sentenza moghtija minn dawn il-Qrati li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument X. Hija gharfet lill-parte civile Anthony Seisun bhala l-istess persuna li kien effettivament xehed f'dawn il-proceduri.

Ikkonfermat li huwa minnu li effettivament kienu l-imputati jew xi hadd minnhom li kien cempel l-Ghassa biex jirrapporta s-serq. Huwa minnu ukoll illi dakinhar stess Joe Micallef kien spjegalha x'kien gara qabel ma kien irrilaxxa l-istqarrija. Spjegat li effettivament dak li kien qalilha Joseph Micallef sussegwentement gie rrappurtat minnu stess f'din l-istqarrija bil-miktub salv u b'eccezzjoni ghall-incident li sehh fil-konfront ta' Anthony Seisun dak il-hin. Spjegat li effettivament fost dak  li qalilha ma kien ghamel l-ebda accenn ghal dak li effettivament kien sehh fuq il-persuna ta' Anthony Seisun.  Zgur li Joseph Micallef kien qalilha li dakinhar stess Anthony Seisun kien diga' ttanta jisraqhom filghodu stess f'dak l-istess jum.

Murija r-ritratti esebiti fl-atti a fol. 71 tal-Process u mmarkati bhala dokument T1 sa T12, ikkonfermat li s-Sur Seisun f'dawn ir-ritratti jidher liebes gakketta partikolari. Effettivament spjegat ukoll li s-Sur Seisun kien liebes gakketta meta kien gie arrestat minnha u ta’ din kienet hadet ukoll xi ritratti, partikolarment ta’ dik il-parti ta' gewwa minn fejn inzammu x-*shots*.

Spjegat li dakinhar huma zammew din il-gakketta sakemm ressqu lil Seisun il-Qorti.  Murija r-ritratti mmarkati bhala dokument S1 sa S4, inseriti fl-atti a fol. sebghin (70), spjegat illi dawn huma ritratti tal-gakketta in kwistjoni u cioe' li kien liebes Seisun. Iz-zewg (2) qatghat fuq in-naha ta' gewwa tal-gakketta jidhru fir ritratti immarkati bhala dokument S2 , S3 u S4 u spjegat li effettivament Seisun kien heba l-fliexken f'din il-parti maqtugha u meta gie arrestat il-fliexken kienu ghadhom hemm u gew ritornati lill-imputati kontra d-debita ricevuta. Ikkonfermat li t-tlett (3) imputati llkoll ikkollaboraw maghha, anzi ziedet li effettivament dawn irrilaxxaw stqarrija minghajr l-insistenza tal-Pulizija w taw rakkont dettaljat ta' kif sehh l-incident. Spjegat ukoll li kienet tkellmet ma' Joswell Spiteri, mpjegat fl-istess post li wkoll kien xehed f'dawn il-proceduri.  Dan kien qalilha li ma kienx involut fl-incident izda kien f'post iehor. Ikkonfermat li hija kienet dahlet fil-post in kwistjoni fejn allegatament sar is-serq u fuq indikazzjonijiet ta’ Joseph Micallef, dahlet ukoll f'dik il-parti ta' fuq minn fejn sussegwentement gew elevati l-oggetti.  Dan il-post huwa dak li jidher fir-ritratt esebit fl-atti a fol. 118.   Kompliet li waslet fuq il-post, minn Birzebbugia, ftit wara li effettivament is-Sur Micallef kien cemplilhom.

Sostniet lil malli waslet sabet lil Seisun mal-art fl-ufficcju tas-Sur Micallef u tahtu kien hemm martell li l-partijiet bdew jghidu li huwa ta' xulxin. Dmija mal-art ma ratx, pero' taf li kien hemm riha qawwija ta' *coconut* ta' xorb. Spjegat li effettivament l-imputati qalu li Seisun beda jhabbat rasu ma' hajt, pero' hemmhekk ma rat l-ebda dmija. Id-demm ratu mal-art fejn kien bilqeghda hu.

Ikkonfermat li fil-post hemm hafna xkaffar, pero' Micallef beda jghidilhom illi Seisun beda jhabbat rasu ma' hajt, izda ghal darb' ohra kkonfermat li demm mal-hajt ma kienx hemm. L-imputati qalulha wkoll li Seisun kien se jaqbez.

Kompliet li wara li tnaddar, irrizulta li Seisun kellu diversi daqqiet u kellu ferita f'wiccu. Regghet semmiet li Seisun ipprova jaqbez biex jahrab u ta' Micallef zammewh. Mistoqsija jekk hija zammitx il-*mobile number* ta' Seisun spjegat illi dan kien gie esebit fil-kawza li saret fil-konfront ta' Seisun, pero' *profile calls* fuqu m'ghamlux. L-Ispettur qalet ukoll li skond ma qalu ta' Micallef, Seisun kien wasal fuq il-post b'karozza, pero' meta hija tkellmet ma' Seisun dan qalilha li ma kienx minnu, u li kien wasal fuq il-post permezz ta' lift minn persuna li ma jafhiex. Xehdet li dan il-post huwa f'Tal-Barrani w filfatt trid tmur ghalih distanza twila, biex tasal ghalih trid tuza t-trasport. Qalet li ma jidhrilhiex li hemm xi *bus stop* vicin.

Ikkonfermat li l-pulizija kienet talbet lil ta' Micallef jaghtuhom kopja tas-CD pero' din is-CD qatt ma nstabet u qatt ma giet mghoddija lilhom. Inoltre talbu wkoll lis-Sur Joseph Micallef sabiex tkun tista' tmur persuna minn taghhom tara s-CCTV tieghu, izda rrizulta illi l-filmat intilef. Cio' nonostante pero' l-Pulizija rnexxielhom jigbru xi *fragments* minnu. Kemm il-Pulizija kif ukoll Joseph Micallef ippruvaw johorgu dak li kellu Joseph Micallef. Qalet li wiehed mill-imputati kien ghenha f'investigazzjoni ohra dwar frodi fejn persuna marret ipprezentat cekk ta' bniedem mejjet u meta c-cekk mar biex jissarraf dan ma ssarafx. Wiehed mill-imputati kien gharaf lil din il-persuna waqt li kien qed jixhed u fil-fatt kien ghen biex issolva dan il-kaz. Fl-ahhar qalet li s-Sur Micallef kien qalilha li Seisun kien ghamel xi zmien jahdem mieghu ukoll.

Illi nhar is-16 ta’ Settembru, 2013 xehdet **Dr Josianne Sammut M.D.** u giet murija c-certifikat a fol. tnejn u tletin (32) tal-Process u spjegat li data tal-ezami kien sitta u ghoxrin (26) ta’ Dicembru, 2012, fis-sitta u kwart ta' filghaxija (18:15) gewwa l-Poliklinika ta' Rahal Gdid, u hija kienet iccertifikat li rat lil Anthony Seisun, detentur tal-karta tal-identita’ numru 412870, u sabet li kellu xi feriti. Spjegat li Seisun kellu ferita fuq il-widna l-leminija liema ferita kienet taffettwa l-gilda, u peress li kellha suspett li setghet taffettwa l-qarquca allura ma jsirux il-punti l-Policlinic ghax ikun hemm bzonn jarah l-Ispecjalista. Spjegat li una volta tkun involuta l-qarquca tal-widna, jista' jkun hemm kumplikazzjonijiet. Qalet li kellu wkoll ferita fuq il-minkeb tal-lemin fejn ghamlulu l-punti, naddfulu l-ferita u ghamlulu d-*dressing.* Barra minn hekk kellu tbengila fuq idu x-xellugija, kellu ferita mhux fonda fuq is-sebgha tac-curkett fuq il-lemin fejn ghamlulu *butterfly stitches*. Kellu xi tbengil fuq mohhu u fuq huggbejh tal-lemin u tax-xellug u girfa fuq il-widna x-xellugija. Inoltre kellu tbengil fuq dahru l'isfel, kellu speci ta’ gdim, tbengila forma ta' gidma fuq l-id tax-xellug u fuq l-ispalla x-xellugija. Semmiet li kellu ftit grief iehor fuq il-pexxul tal-lemin u kien qed iwegga’ malli tmissu fuq il-widna l-leminija. Hija qalet li kienet iccertifikat il-feriti bhala ta' natura gravi minhabba dik il-ferita fil-widna li setghet tinvolvi l-qarquca. Mistoqsija jekk Seisun tkellimx maghha spjegat li l-konversazzjoni kienet tikkoncentra biss dwar fejn kien mugugh. Mistoqsija jekk qallhiex kif garrab dawk il-griehi spjegat li tahseb irrakkuntalha li kien qala' xebgha qalila minghand xi nies.

In kontro ezami tghid li Seisun kellu l-Pulizija mieghu meta gie invistat. Mistoqsija jekk qalilhiex li kien mar jisraq go proprjeta' ta’ terzi, wiegbet li le, sempliciment spjegalha li kien qala' xebgha. Stqarret li l-ferita hdejn il-qarquca kienet gravi waqt li l-ohrajn ma kinux.

Illi nhar is-16 ta’ Settembru, 2013 xehed **PS1429 Eric Mangion** u spjega li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru, elfejn u tnax (2012) tqabbad mill-Ispettura Carol Fabri biex jaghmel *search* ghal xi CD's tal-*cameras* tas-sigurta' f'hanut Cash and Carry, Tal-Barrani Road, Zejtun, kif ukoll fir-residenza tal-*owner* l-imputat

Joseph Micallef li joqghod 'Peprina', Triq tal-Qattus, Ghaxaq minn fejn elevaw xi CD's miz-zewg (2) postijiet u tawhom lill-Ispettura. Mistoqsi x'sar minnhom dawn is-CD's spjega li hadhom ghand l-Ispettura Carol Fabri l-ufficcju taghha.

In kontro ezami gie mistoqsi lil min kien sab meta mar fl-istabbiliment, izda sostna li ma jiftakarx. Ftakar li l-imputat Joseph u xi hadd minn uliedu kienu marru maghhom bil-karozza. Mistoqsi x'ghamel Joseph Micallef meta huwa talbu s-CD's qalli dan qabad u newwilhomlu minn xi *desk* jew xkaffa. Jghid li tahomlu minnufih. Hu gharaf lill-imputat Joseph Micallef bhala l-anzjan fost l-imputati.

Illi nhar is-16 ta' Settembru, 2013 xehed **PS645 Jerry Attard** u spjega li huwa kien gie moghti struzzjonijiet mill-Ispettur Fabri biex imur ma' Luke Micallef jaghmel tfittxija ghal CD tal-filmat li kellu fil-hanut, fit-Triq bejn Tal-Barrani u Birzebbugia. Mistoqsi jekk instabitx din is-CD huwa spjega li le daru dawra t-Triq tal-Barrani u ma sabuha mkien u b'hekk it-tfittxija tat rizultati negattiv. In kontro-ezami spjega li t-tfittxija bdiet minn fejn ir-*roundabout* ta' Montebello, kompliet it-Triq tal-Barrani kollha u lura, izda din is-CD ma sabuhiex. Huwa gharaf l-imputat Luke Micallef fl-Awla .

Illi nhar is-16 ta' Settembru, 2013 xehed **Joswell Spiteri** u spjega li huwa jahdem id-Discount Store Cash and Carry ma' Joseph Micallef l-imputat u qal li jiftakar li l-pulizija kienet kellmitu fuq *hold up* li kien sehh fil-hanut, izda qal li hu ma kienx prezenti waqt li dan sehh ghax kien qieghed gol-istores jimla l-hanut. Gie muri *stills* a fol. disgha u sittin (69) u kkonferma li hemm jidher hu wkoll. Spjega li dak il-hin, kif jidher fl-istills, l-imghallem kien qed jurih il-*footage* ta' meta nqabad l-akkuzat. Spjega li kull ma ra kien l-imputat mal-art jipprova jahrab u l-familja Micallef izommuh milli jitlaq. Ikkonferma li l-istores qeghdin hdejn il-hanut.

Spjega li l-istores huma qeghdin fuq zewg (2) sulari f'*garage* hdejn il-hanut. Spjega li l-istores huma darbtejn u nofs daqs l-Awla. Mistoqsi kemm hu gholi spjega li ghandek il-*ground floor* jigifieri minn fejn tidhol biex titla' it-tarag, ghandek l-ewwel sular li huwa tas-sapun u t-tieni sular huwa tal-ikel u huwa kien proprju fit-tieni sular meta gara l-incident. Mistoqsi kemm hemm storijiet minn

dawn spjega li hemm wiehed, u apparti dak hemm storijiet tal-luminata hdejh li huwa ground floor. Mistoqsi l-hanut kemm hu kbir huwa spjega li l-hanut fih tul daqs kemm fih l-istore. Mistoqsi fejn kien meta nqala' l-incident , spjega li dak il-hin hu kien qieghed fl-istore ta' fuq tal-ikel. Sostna li hu ra biss hafna karozzi tal-pulizija, u dan wara li kien sehh l-incident sakemm hu kien fuq u sa ma nizel kienu lahqu gew il-pulizija.

In ri-ezami ix-xhud Joswell Spiteri qal li dakinhar hu kien xoghol mal-*cash* izda mbaghad kien biddlu iben Joseph Micallef sakemm tela’ l-istores jimla l-hanut. Ovvjament, qal, l-incident kienx ghadu sehh meta biddlu. Mistoqsi jekk l-istore ghandux bieb dirett ghal gol-hanut qal li iva imma dak il-hin ta’ l-incident kien maghluq b'kartuna.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-9 ta’ Ottubru, 2013 (fol. 93) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja. Rat ukoll li fl-10 ta’ Novembru, 2014 gew moqrija l-artikoli u l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Mejju, 2014 il-Prosekuzzjoni talbet in-nomina ta’ espert sabiex jaghmel ezami fuq l-allegat demm li nstab fuq ir-running shoes esebiti fil-Qorti w sabiex isir ezami komparattiv mad-demm tal-imputat Clydon Micallef.

Ghaldaqstant il-Qorti nnominat lil Dr. Mario Scerri sabiex jiehu d-demm minn fuq il-persuna tal-imputat Clydon Micallef u lil Dr. Marisa Cassar sabiex taghmel l-ezami komparattiv.

Illi nhar it-3 ta’ Settembru, 2014 xehed **Dr. Mario Scerri** u spjega li bid-digriet ta' din l-istess Qorti tal-20 ta' Mejju, 2014 huwa kien gie nominat sabiex jiehu kampjun tad-demm tal-imputat Clydon Micallef, li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern, bil-ghan li sussegwentement isir ezami komparattiv, pero’ peress li ezami tad-demm ma kienx indikat f’dan il-kaz, huwa hadlu *buccal swab.* Dan sar nhar l-4 ta' Awwissu, 2014 u dan il-kampjun gie ssigillat u fotografat u gie mghoddi lill-Espert Serologista Dr. Marisa Cassar. Esebixxa r-relazzjoni tieghu li

giet immarkata mill-Qorti bhala dokument MS. Spjega li l-ghan ta' tali ezami hu sabiex johrog il-profil tad-DNA u sussegwentement isir l-ezami kompatattiv fuq id-demm li allegatament instab fuq par zarbun.

Illi nhar l-10 ta' Novembru, 2014 xehdet **Dr. Marisa Cassar** u spjegat li hija kienet giet nominata minn din il-Qorti sabiex taghmel ezami forensiku fuq kampjun orali mehud fuq il-persuna ta' Clydon Micallef. Kellha taghmel ukoll test fuq zarbun mghoddi lilha ukoll biex tara jekk kellux xi prezenza ta' demm. Ghaldaqstant esebiet ir-relazzjoni taghha maghmula ai fini ta' din in-nomina liema relazzjoni giet markata bhala dokument MS.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li t-test li sar fuq iz-zarbun elevat minn fuq il-persuna ta' Clydon Micallef, irrizulta li kien pozittiv ghall-prezenza ta' demm, pero' l-profil genetiku li hareg minnu ma jaqbilx mal-profil genetiku ta' Clydon Micallef.

Illi jirrizutla li l-imputati rrilaxxjaw stqarrija u dawn jinsabu esebiti fl-atti a fol. 19 et seq.

Jinghad li **Joseph Micallef** fl-istqarrija tieghu a fol. 19 immarkata bhala Dok. CF9 jispjega illi fis-26 ta' Dicembru, 2012 huwa qabad bniedem jisraq mill-hanut tieghu. Qabdu mill-filmat peress li fil-hanut tieghu ghandu l-*cameras.* Dan kien il-filmat ta' filghodu. Dakinhar stess filghaxija, rega' rah diehel fil-hanut, ghalkemm il-hin ezatt ma jafx x'kien. Qal li din id-darba rah jisraq b'ghajnejh u mhux fuq il-filmat. Qal li filfatt il-fliexken li kien hemm quddiem l-Ufficjal Prosekutur huma l-istess li kienu fil-bwiet tal-gakketta li kien liebes dan il-malvivent, liema fliexken huma tal-Jack Daniels tas-70cl. Sostna li rah jitfaghhom f'hobbu, mar jigri fuqu u qallu li ha jcempel lill-pulizija ghax rah jitfa' l-fliexken gewwa hobbu. Qal li f'daqqa wahda dak irvilla u beda jidghi, hebb ghalih billi xejjer idejh fid-direzzjoni tieghu, u kien hawnhekk li ddefenda ruhu b'idejh ix-xellugija. L-iehor kellmu hazin u f'daqqa wahda ghamel gest bhallikieku ha jaqbez, peress li kienu daru fuqu, izda ma qabizx. Kompla li dan beda jaghti s-salt ghal go fih biex jiskapulah u hu qallu kemm-il darba li l-pulizija avzata w li dak kollu li seraqlu kellu jroddu lura. Dak il-hin mar hdejhom xi hadd mit-tfal. Beda

jibza’ li dak seta’ johrog xi arma ghalihom. Qal ukoll li dan il-bniedem ta s-salt u beda jaghti b’rasu mal-hadid u ried jahrab. Kien hemm konfuzjoni kbira, tant li hu beda jahseb li kien ser joqtol lil xi hadd minnhom daqs kemm kien aggressiv. Mistoqsi min kien hemm mieghu meta qabdu jisraq, qal li hu biss rah. Skanta x’hin rega’ rah sejjer fuq l-istess xkaffa u jiehu x-xorb. Mistoqsi min cempel lill-pulizija, stqarr li ma jafx min cempel, izda hu beda jghajjat sabiex imorru jcemplu lill-pulizija.

Mistoqsi jekk kienx jaf lil din il-persuna, spjega li meta kien rah fuq il-filmat ta’ filghodu, rrealizza li kien jafu x’imkien, izda peress li kien bil-beritta u gakketta qisu tal-*combat* mill-kbar ma setax jirrikkonoxxih. Imbaghad, meta rnexxielhom jikkalmawh u tawh l-ilma u dahhluh gewwa, kien l-iehor stess min kien. Qallu li hu kien jahdem ma’ tar-recycle u li hu kien imur jigbor il-pallets li l-imghallem tieghu kien jixtri minghandhom.

Mistoqsi kif jispjega li meta waslu l-pulizija fuq il-post, dan kellu wiccu kollu demm u kellu wkoll xi daqqiet ohra, Joseph Micallef spjega li dak beda jaghti b’sahha kbira u kien qisu mignun. Mistoqsi jekk messewhx sakemm kien mizmum milli jitlaq mill-istabbiliment, wiegeb li Seisun ipprova jaghti s-salt ghal go fih u hu qallu biex jistenna hemmhekk ghax gejjin il-pulizija. Mistoqsi allura kif jispjega l-fatt li dan anke kellu l-qarquca ta’ widnejh imqaccta, spjega li ma jafx. Mistoqsi jispjega kif lill-pulizija huwa tahom il-footage tal-ewwel serqa u mhux tat-tieni u lanqas ma tahom il-footage tal-kommozzjoni li nqalghet wara, l-imputat qal li minhabba li l-persuna teknika li s-soltu tiehu hsieb il-cameras dakinhar ma kinitx xoghol, ipprova jiehu hsieb ir-recording hu, izda bi zvista hassar kollox. Sahaq li din hija l-verta’ kollha u li hu persuna li l-inkwiet jipprova jaharbu mhux ifittxu. Imbaghad sostna li wiehed minn uliedu spicca b’siequ mwegga’ u bl-arlogg imkisser minhabba l-kommozzjoni ta’ dak il-hin meta bdew izommuh. Ghal darb’ ohra sostna li hu kien ta lill-pulizija dak kollu li seta’ jtiha bhala filmati u li kull ma qal s’issa lest li jixhdu bil-gurament fil-Qorti.

Meta mbaghad l-Ufficjal Prosekutur issikkatu biex jispjegalha x’kienu z-zewg ritratti minn sett ta’ sitta li l-pulizija rnexxielha tnizzel mid-DVR tieghu, fejn jidher hu flimkien ma’ wliedu u lavrant jaraw footage fuq il-*computer* tieghu tax-

xena li grat meta hu, uliedu u l-lavrant uzaw il-forza mal-persuna li serqithom, qal li ma jafx x'kienu qed jaraw. Kompla jispjega li dak il-hin kienu taht xokk u ma jafx x'gesti ghamlu u li m'ghandux idea x'gara. Imbaghad qal li z-zewg persuni li jidhru fl-ahhar zewg ritratti, wiegeb li dawk huwa George tal-alarms. Il-Prosekuzzjoni saqsietu fejn tinsab is-CD li huwa jidher qed jghaddi lit-tifel tieghu, izda hu insista li ma jafx dwar xiex qed tistaqsih.

Nonostante li rrilaxja stqarrija, l-imputat **Joseph Micallef** ghazel li jixhed volontarjament u ghalhekk nhar is-17 ta' Settembru, 2015 xehed u spjega li huma ghandhom hanut li jbiegh ix-xorb gewwa Tal-Barrani, iz-Zejtun. F'dan il-hanut ibieghu affarijiet ta' ikel, xorb u affarijiet simili u ilu f'dan in-negozju ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena. Jiftakar illi l-ghada tal-Milied huwa kien irid jibdel lil xi hadd fuq il-*cash* ghaliex dakinhar ma tantx ikun hemm nies fil-hanut. Kien ghall-habta tan-nofs siegha (12:30) ta' wara nofsinhar. Waqt li kien qed jaqdi n-nies, dahlet persuna liebsa beritta u *combat jacket.* Dan kellmu b'mod hafif u rah tieghla t-tarag ghal fuq fejn hemm l-ispirti. Spjega li fil-parti t'isfel hemm l-ikel u l-minerali u affarijiet simili, imbaghad hemm tarag u hemm speci ta' gallarija li ddur madwar il-hanut u hajt minnhom huwa mimli spirti. Dak il-hin kull ma ra kien lil din il-persuna tiela fuq.

Sostna li l-hanut huwa kbir qisu tlett (3) darbiet jew erbgha (4) daqs l-Awla. L-imputat qal li hu kompla jaqdi n-nies u sadanittant rah niezel it-tarag. Dak waqaf quddiem il-*cash* u ghamel telefonata ghax qal li kien nesa l-kartiera ghand xi hadd. Ikkonferma li l-persuna li tidher fir-ritratti mmarkati bhala dokument T1 sa T12 (fol. 71), hija l-istess persuna li qed jitkellem dwarha. Rigward il-gakketta li tidher fir-ritratti esebiti fl-atti a fol. 70, qal li dawn huma r-ritratti tal-gakketta li kien liebes din il-persuna meta dahal gol-hanut tieghu.

Muri r-ritratti esebiti f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument JM1 a fol. 117 u 118 tal-Process immarkat bhala dokument JM2 jghid li dawn huma r-ritratti tal-hanut tieghu. JM1 juri l-gallarija li tkellem dwarha waqt li JM2 juri l-hanut kollu. Spjega illi f'idejh dak il-hin meta kien qed jaghmel it-telefonata quddiemu din il-persuna ma kellha xejn f'idejha, pero' ghajnu ghokritu ghaliex ra li kellha l-gakketta qisha *bulky* minn quddiem u huwa ha l-hin biex sussegwentement

idawwar il-*cameras* u jara jekk effettivament kienx ghamel xi haga hazina. Spjega li huwa ghandu s-CCTV *cameras.* Sussegwentement sakemm dawwar wiccu, dan kien sparixxa. Ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kellu xi hin liberu, u mar jara l-filmati. Kien jidher dan ir-ragel ghaddej minn quddiemu, tela' fuq u rah idahhal xi haga fil-*pockets* tal-gakketta fuq in-naha ta' gewwa. Dawn kienu Jack Daniels u flixkun Grants. Spjega li kien hemm xi erbat (4) ifliexken b'kollox. Jidher jittawwal minn fuq ghal isfel. Iddikjara li in segwitu' hu ghadda l-filmat tas-CCTV lill-Pulizija. In segwitu huwa kien avza lill-kaxxiera u n-nies l-ohra b'dak li kien irrizultalu u gibed ritratt tieghu u beda jurih lil dawn in-nies biex jghallimhom x'kien qed jigri, izda baqghu ghaddejjin bil-gurnata tax-xoghol taghhom. Qal li huma jdumu miftuhin sat-tmienja ta' filghaxija (8p.m.)

Zied li f'hin minnhom, waqt li kien qieghed fl-ufficcju minn fejn seta' jara l-ixkafef tax-xorb, fil-boghod ra din l-istess persuna regghet qieghda hdejn il-fliexken. L-imputat qal li dak il-hin hdejh kien hemm ibnu Clydon, allura ma qal xejn. Lil dan ir-ragel rah idahhal il-fliexken waqt li kien qed ihares madwaru, u cioe' juza l-istess sistema li kien ra qabel. Spjega li dakinhar ghat-tieni darba kien liebes l-istess gakketta. Lil Clydon dak il-hin qallu illi r-ragel ta' filghodu kien rega' gie. Hareg jghaggel mill-ufficcju u lil ghajjat lir-ragel min-naha ghall-ohra tal-gallarija biex joqghod hemm. Urih li jaf li kien diga' serqu filghodu u li l-Pulizija kienu avzati u daqst kienu se jaslu.

Beda jghajjat lil t'isfel biex icemplu lill-Pulizija waqt li baqa' miexi mal-*handrail* b'pass mghaggel. Qal li lir-ragel rah jaqbad it-telefown u jcempel u jhares l-isfel bhal donnu nduna li kien inqabad u appena wasal f'dik il-bicca fejn hemm ix-xorb hdejn il-Jack Daniels irtira lura aktar lejn il-hajt. Minn hemm ma kienx baqaghlu fejn imur. Hu rega' qallu li l-Pulizija kienu avzati u kienu fit-triq u li jaf li anke kien mar jisirqu iktar qabel. L-iehor beda jinnega u beda jxejjer idejh u f'hin minnhom anke pprova jixxabbat ghal isfel. F'daqqa wahda nqalghat kommozzjoni.

Spjega li meta kien kellmu fil-bidu nett, ir-ragel deher li nhasad u kien hemmhekk meta qabad telefown u beda jcempel. L-imputat stqarr illi llum il-gurnata ma rrealizzax dak li ghamel, ghaliex effettivament ir-ragel seta' kien armat.

Spjega li l-ixkaffar taghhom fih ponot tal-hadid u assuma li r-ragel habat mal-ixkafef, filwaqt li cahad li kkagunalu xi feriti. Una volta kien ikkalma, dak qam u dahal fl-ufficcju jistenna l-Pulizija. Hu qallu biex jieqaf u kien anke se jtih flixkun ilma, u qallu li ma ried xejn hlief li jroddlu lura dak li kien seraqlu, pero' ma hadhomlux. Kompla li mbaghad bdew jitkellmu bejniethom u nduna li kien jafu ghaliex kien jahdem mar-Recycling Plant ta' Hal Luqa. Sussegwentement il-Pulizija talbuh il-filmat u hu tahulhom u bdew isegwu l-passi ta' kif effettivament waslet din il-persuna fil-hanut taghhom. Fil-fatt cempel lill-persuna li tiehu hsieb l-IT u dan gie.

Ikkonferma li hu kien qal lill-pulizija li dak ir-ragel kien ghamel telefonata. Ikkonferma wkoll li meta waslu l-pulizija fil-hanut kien hemm riha ta' xorb pero' spjega li din kienet riha tal-*mulled wine* u l-*mince pies* peress li kien zmien il-Milied u li m'huwiex minnu illi r-riha kienet ta' *coconut*. Sostna li la mal-hajt u lanqas mal-art ma kien hemm tracci ta' demm. Id-demm kien biss fuq il-persuna. Qal li huwa minnu li lill-Pulizija hallihom jiehdu kopja tas-sistema taghhom ghaliex naturalment jikkopera mal-Pulizija.

Cahad li fil -*footage* hemm persuni jaghtu. Jaf li huma kienu qeghdin izommu lil din il-persuna pero' fl-ebda hin ma bdew jaghtu. Stqarr li huwa minnu li meta l-Pulizija talbitu kopja huwa ma tahilhomx.

Jinghad li **Clydon Micallef** fl-istqarrija tieghu a fol. 23 immarkata bhala Dok. CF 10 jispejga illi hu fehem it-twissija li kienet ghadha kif inqratlu u kkonferma wkoll li ma riedx jiehu l-parir legali qabel l-interrogazzjoni. Huwa spjega li jahdem bhala Operations Manager. Mistoqsi dwar x'iex u x'gara nhar l-Erbgha 26 ta' Dicembru, 2012 meta ntalbet l-assistenza tal-pulizija mill-istabbiliment fejn jahdem hu u cioe' mill-J & M Discount Store, huwa spjega li fil-fatt hu ma jahdimx hemmhekk pero' jahdem mal-istess kumpanija. Dakinhar kien ha s-supplies hemmhekk u kien sejjer jerga' jirrapporta lura fil-post fejn jahdem u cioe' l-*canteen* tal-Universita'. Mistoqsi jekk hu kienx prezenti meta missieru nduna li kien hemm xi hadd li kien ghadu kif seraq xi xorb alkoholiku wara nofsinhar u cioe' xi l-erbgha (16:00hrs) huwa spjega li hu kien niezel bix-xoghol

bhas-soltu l-hanut meta missieru sejjahlu fl-ufficju ghax kellu bzonn ikellmu. Ried jurih x'kien sehh u fil-fatt urih footage ta' bniedem li kien qieghed jisraq erbat (4) ifliexken whiskey. Mistoqsi hu fejn kien fl-erbgha ta' wara nofsinhar, meta missieru mar iwaqqaf lil din il-persuna milli tkompli tisraq huwa spjega li l-hin ezatt ma jafux, pero' li jista jghid hu li kien qed jaghmel il-labels biex imur ihott il-van u jillejbilja x-xoghol. Mistoqsi fejn kien waqt li missieru zamm lil din il-persuna milli jitlaq mill-hanut sa ma waslu l-pulizija, wiegeb li kien gewwa l-hanut fuq. L-imputat gie muri martell li dan instab fl-istabbiliment u gie mistoqsi dan ta' min hu. Irrisponda li ma jafx u lanqas jaf li nqghatalu l-arlogg minn idu. Mistoqsi kif din il-persuna spiccat wiccha kollu demm u b'diversi daqqiet f'partijiet ohra ta' gisimha, qal li ma jistax jghid il-persuna xi griehi kellha meta lanqas ma kien jaf li wegga' siequ stess. Iddikjara li huwa beda biss jipprova jzomm lil din il-persuna ghalkemm bdiet taggredih biex jittanta jahrab minn gewwa l-hanut qabel tasal il-pulizija. Ammetta li kien qala' daqqiet fuq siequ l-leminija w ta' dan ipprezenta certifikat, pero' l-ferita ma jafx kif saret. Pero' sostna li l-affarijiet tant graw malajr li lanqas hass xejn. Beda jhossha kif waslu l-pulizija.

Meta gie suggerit lilumill-Prosekuzzjoni li hu kien wiehed mill-persuni li lil din il-persuna tawha diversi daqqiet tant li l-griehi li sofriet kienu ta' natura gravi, qal li huwa pprotega lilu nnifsu mill-agressur li dahal jisraq gewwa l-hanut u dan huwa ma kienx jaf jekk kienx armat jew le, ghax halliel ma tafx jekk kellux xi arma jew kif sejjer jirreagixxi. Sostna li jinstemghu diversi kazi fejn tal-hanut ibati f'kazijiet bhal dawn. Zied li s-sahha li r-ragel beda jaghmel ma kinitx ta' wiehed li jiehu d-drogi kuntrarju ghal dak li qal lill-Prosekuzzjoni. Mistoqsi jekk lil din il-persuna huwa jafhiex, jew qattx raha x'imkien, wiegeb li kien rah darba. Spjega li dan kien imur jigbor il-*pallets* minghandhom, pero' minhabba li kien liebes beritta ma gharfuhx mill-ewwel, imma gharfuh x'hin kwazi gew il-pulizija. Sostna li tant graw malajr l-affarijiet li lanqas tibda tara.

Iddikjara li fil-footage ra biss ragel jisraq il-whisky. L-imputat qal li hu kien lest jikkonferma bil-gurament fil-Qorti dak kollu li qal. Cahad li flimkien ma' missieru u lavrant iehor raw footage ta' meta daru lil din il-persuna li dahlet

tisraqhom. Gie muri zewg ritratti w iddeskriva li fihom jidhru l-lavrant Joswell, missieru u huh.

Mistoqsi jekk hux qed jghid li qatt ma refa' jdejh fuq ir-ragel sakemm zammewh ghandhom sal-wasla tal-pulizija, l-imputat Clydon Micallef spjega li trid tara skonf f'liema sens refa' idu fuqha. Insista li huwa pprotega lil missieru u l-familja tieghu ghax ma kienx jaf ir-ragel x'kien lest jaghmel. Iddeskriva l-imgieba tieghu bhala 'atti tal-imgienen' u zied li beda jipprova jaqbad il-fliexken minn fuq l-ixkafef.

Dan l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, pero' l-Qorti xorta ghandha taghti qies dak li qal fl-istqarrija tieghu moghtija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni.

Jinghad li **Luke Micallef** fl-istqarrija tieghu a fol. 27 immarkata bhala Dok. CF 11 jispejga illi huwa fehem it-twissija li kienet ghadha kif inqratlu u kkonferma li ma riedx jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni. Mistoqsi jekk jahdimx, huwa wiegeb li jahdem ma' J & M Operations. Mistoqsi x'gara nhar l-Erbgha 26 ta' Dicembru, 2012 meta ntalbet l-assistenza tal-pulizija mill-istabbiliment fejn hu jahdem u cioe' mill-J & M Discount Store, huwa spjega li huwa kien qieghed mal-cash u fid-daqqa u l-hin sema' l-istorbju fuq. Tela' fuq u ra ragel jaghti fuq missieru. Huwa dak il-hin nizel isfel jigri w mar jghid lil Letizia sabiex iccempel lill-pulizija. Qal li dak il-hin kellu erba' xufiera fuq barra jghabbu u ma kienx jaf x'se jaqbad jaghmel. Imbagad waslu l-pulizija. Mistoqsi hu meta ra lil missieru jissielet ma' dan ir-ragel ghalfejn ma marx jghinu, pero' minflok rega' nizel isfel, spjega li dak il-hin lanqas jaf x'kien qed jaghmel. L-ewwel haga li gietu f'rasu kienet li jcemplu lill-pulizija. Mistoqsi jekk qabel dan l-incident missieru kienx kellmu li aktar kmieni kienet dahlet persuna u kienet hadet xi xorb alkoholiku, stqarr li iva w anke kien urih footage ta' dan l-incident.

Imbaghad meta gie mistoqsi jekk missieru kienx urih xi footage tat-tieni serqa, dan spjega li filghaxija x'hin missieru tah is-CD biex itiha lill-pulizija, kien poggieha fuq id-*dashboard* u sakemm mar ghat-tfajla tieghu din waqghetlu fit-triq. Sostna li kieku din waqghet fil-karozza, sabha w tahielhom. Mistoqsi jekk

jafx jghid x'kien fiha din is-CD li tah missieru, qal li bl-amment ma jafx. L-imputat qal li dakinhar kien mifxul u kellu hafna xoghol b'lura.

Cahad li hu kien wiehed mill-persuni li lil din il-persuna tawha diversi daqqiet, tant li l-griehi li sofriet kienu ta' natura gravi. Mistoqsi jekk lil din il-persuna jafhiex jew qattx raha x'imkien, huwa spjega li lil dan kienu jtuh il-pallets qabel. Gie muri zewg ritratti u gie mitlub jispjega x'qed jara fihom. Qal li jidher ir-ragel jerga' jdejh fuq missieru u li l-persuna l-ohra li hemm maghhom hija Joswell, lavrant maghhom. Gie muri zewg ritratti ohrajn u kkonferma li hemm jidher missieru qed jghaddilu CD li skond hu kien fiha l-provi ta' missieru li dan il-bniedem kien qieghed jerfa' idu fuqu.

Mistoqsi ghalfejn meta qed jghid li din is-CD kienet daqshekk importanti ghax kien fiha dawn il-provi, ma marx mill-ewwel biha l-Ghassa jew ghallinqas l-ghada, sostna li dakinhar kellu ghajja kbira, kellu hafna x'jaghmel u tilifha. Qal li ma kienx jaf li ser tkun daqshekk importanti. Ammetta li sar jaf bl-importanza taghha, xi siegha qabel ma ta l-istqarrija tieghu. Huwa ddikjara li kien lest jikkonferma kull ma qal fil-Qorti. L-imputat Luke Micallef cahad li refa' jdejh fuq ir-ragel, anzi zied li dan hadd ma refa' idu fuqu w kien hu li beda jipprova jerfa' idu fuq missieru w fuq huh. Mitlub jispjega kif dan spicca bi griehi ta' natura gravi,qal li mill-ftit li rah dan kien qisu l-mignun, ipprova jaqbez minn fuq missieru u anke pprova jaqbez minn fuq ghal isfel. Rigward il-martell li wrietu l-Prosekuzzjoni, qal li dan kien waqa' mill-gakketta tar-ragel. Gie muri footage li dan ingabar il-bierah bil-kunsens ta' missieru mill-pulizija tal-Forensika u gie mistoqsi jiddeskrivi x'ra. Huwa qal li jidher ir-ragel jaghti u jissalvaghja ma' huh u ma' missieru, w xejn izjed. Mistoqsi jispjega l-atteggjament li ra f'dan il-footage tieghu u tal-lavrant huma u jaraw il-footage, qal li tidhaq ghax ir-ragel kien qisu ziemel sfrattat.

Dan l-imputat ukoll ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt jaghmel, pero' l-Qorti xorta ghandha taghti kaz ta' dak li qal fl-istqarrija tieghu moghtija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz fis-seduta tat-2 ta' Frar 2016 fejn anke talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat.**

Illi il-fatti in breve tal-kaz odjern huma s-segwenti:-

Ilil nhar is-26 ta' Dicembru 2012, l-ghada tal-Milied, waqt li l-imputati kienu fil-hanut taghhom li jinsab fi triq Tal-Barrani fiz-Zejtun jaghmlu xoghol konness mal-gestjoni ta' dan in-negozju, kien mar Anthony Seisun f'xi hin filghodu u seraq xi flixken tax-xorb mill-hanut billi poggiehom fil-gakketta tal-*combat* li kien liebes (kif muri fir-ritratti esebiti) u telaq bihom bla ma kien hallas ghalihom. Jinghad li dan gie verifikat meta Joseph Micallef kien ra il-filmat ta' dakinhar ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofinhar (3.00p.m.) u kien attira l-attenzjoni tal-impjegati l-ohra dwar din il-persuna. Jinghad li din il-persuna in segwitu' kienet instabet hatja ta' serq mill-hanut tal-imputati fuq ammissjoni tieghu stess, b'sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata 7 ta' Ottubru 2013.

Jinghad li dakinhar stess aktar tard, l-istess persuna cioe' Anthony Seisun, regghet marret f'dan il-hanut, liebsa beritta u l-istess gakketta tal-*combat* u regghet poggiet xi fliexken tax-xorb fl-ikkuttunar tal-gakketta, bil-ghan li ma thallasx taghhom, kif *del resto* jammetti l-istess Seisun. Jinghad li Joseph Micallef spjega li kien qed jara l-movimenti ta' din il-persuna mis-CCTV cameras li huwa kellu installati fil-hanut.

Ghalhekk meta ra hekk, tela' fuq u zamm lil Seisun milli jitlaq billi zammu wiccu mal-art, u cempel lill-pulizija. Il-Pulizija waslu fuq il-post ftit wara u Joseph Micallef ghadda lil Seisun lilhom. Il-Pulizija jghidu li fuq il-post kien hemm riha ta' xorb u Joseph Micallef jispjega li kienet riha ta' *mulled wine* ghaliex f'dawk iz-zminijiet kienu jbieghu il-*mulled wine* u l-*mince pies*. Il- Pulizija tghid ukoll li fuq iz-zarbun ta' Clydon Micallef kienet rat xi tracci ta' demm u ghalhekk kienet gabret iz-zarbun sabiex dan jigi ezaminat, u fil-fatt hekk gara. Qalet ukoll li Seisun kellu xi griehi fuq wiccu u kienet akkompanjatu l-ewwel fil-poliklinika u

wara l-isptar, u gie invistat medikament fejn inghata l-kura necessarja. Jinghad li fost it-tbengil li kellu, kellu wkoll xi ferita f'widnejh li t-tobba Dr. Josianne Sammut u Dr. Amanda Bartolo iccertifikaw bhal ferita ta' natura gravi peress li l-ferita li kellu kienet fil-widna li fil-fehma taghha hija vicin tal-wicc.

Interessanti pero' jinghad li Seisun jghid li mhux vera li kien dahal fil-hanut bil-ghan li jisraq, izda biex jara x'xorb kien hemm, pero' jghid li in segwitu' kien gie akkuzat b'serq minn dan il-hanut u nstab hati u fl-istess hin jghid ukoll li verament kien liebes gakketta tal-*combat* imqatta' w dan sabiex ikun jista' jpoggi il-fliexken go fiha. Fl-ezami tieghu jghid li l-imputat Joseph Micallef fl-ebda hin ma sawwtu, izda kienu l-ko-akkuzati li sawwtuh bla hniena, pero' in kontro-ezami jghid li wiccu kien mal-hajt u ghalhekk ma jafx min effettivament kien sawwtu. Jghid li kien hemm persuna ta' karnaggjon sewda li sawwtitu wkoll, pero' din il-persuna ma tressqitx il-Qorti lanqas bhala xhud, la mill-Prosekuzzjoni w lanqas mid-Difiza bil-ghan li jintefa' aktar dawl fuq dak li effettivament kien gara.

Illi jinghad li l-imputati ikkollaboraw mal-Prosekuzzjoni, kif del resto stqarret u kkonfermat l-Ispettur Fabri stess, u kienu konsistenti f'dak li rrraportaw dwar l-incident, u cioe' li kien hemm il-persuna ta' Seisun li kienet marret fil-hanut taghhom l-ghada tal-Milied tas-sena 2012 sabiex tisraqhom. Huwa minnu pero' li dwar l-incident per se, u cioe' l-glieda li inqalghet sussegwentement meta Seisun inqabad jisraq, l-imputati ma jghidu xejn. Zgur li Seisun kien evaziv fix-xhieda tieghu ghal dak li jirrigwarda dettalji ta' kif wasal fuq il-post. Jghid illi wasal billi ddobba lift minghand persuna li ma jafhiex. Mistoqsi jekk kienx liebes beritta, jghid li ma jiftakarx izda wara li gie muri r-ritratt donnu rega' beda jiftakar.

M'hemxx dubju li l-incident inqala' ghaliex l-imputati xtaqu jiddefendu l-proprjeta' taghhom mill-agir abbusiv ta' serq ta' Seisun. M'hemmx dubju li jirrizulta li l-imputati kienu fil-hanut taghhom jahdmu gurnata tax-xoghol normali w kien Seisun li mar u ddisturbahom fix-xoghol taghhom. Jinghad li effettivament l-imputat kien gja mar jipprova jisraq lill-imputati dakinhar stess filghodu u ghalhekk zgur, kif jghid Joseph Micallef stess, kienu lkoll lesti ghalih sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni.

Gara li pero' Seisun ma kienx kuntent li seraqhom filghodu, rega' mar fl-istess jum sabiex jisraq lill-istess nies. Meta ra hekk, Joseph Micallef mar fuqu, ghalkemm ma jghidx pero' zgur mar ghas-sodisfazzjon, u sabiex jara ezattament x'kien gara. U hawn inqala' l-incident. Seisun jghid li gie msawwat bla hniena, pero' meta in kontro-ezami gie mistoqsi min mill-imputati kien sawwtu, jghid li ma jafx ghaliex kien qed ihares mal-flixken. Jghid ukoll pero' fl-istess hin, li Clydon tah biz-zarbuna u li Joseph Micallef ma messux. Ghalhekk zgur li Seisun mhux qed jghid il-verita' w dan ghaliex huwa difficli li meta tkun qed tissawwat ma tkunx taf min ghamel xiex. Fl-ebda hin ma jirrizulta li Seisun intilef minn sensih. Zgur li jirrizulta li Seisun mhux konsistenti.

Joseph Micallef, li xehed viva voce, jghid li effettivament Seisun beda jsabbat rasu mal-hajt u kien ghalhekk li spicca bil-feriti kif deskritti mit-tobba. Cahad li tah xi daqqiet u jghid li kieku nbuttah ma' xi xkaffa, dawn kienu ppuntati w ghalhekk kien ikun hafna aktar ferut. Dwar is-sejba tal-martell, jinghad li z-zewg partijiet bdew iwahhlu f'xulxin, ghakemm hadd minnhom ma jaghti verzjoni tajba dwar il-presenza ta' tali strument fil-kwadru tal-provi akkwiziti. L-imputati kollha jghidu li Seisun kien qed ihebb ghal go fihom u jaggredihom. Jidher li huwa ta ruhu b'idejh malli Joseph Micallef talbu sabiex jieqaf u jistenna lill-pulizija, pero' minn dak li qal Seisun stess ma jirrizultax bic-car min mill-imputati - jekk kienu l-imputati ghaliex maghhom jidher li kien hemm persuna b'karnaggjon sewda - li effettivament seta' ferieh.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputati huma veri, w dan ghaliex, kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu' ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda w il-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputati mill-Prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi ghalhekk, m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tirrileva li ma kinitx hi li ghexet il-process tul medda ta' zmien u semghet ix-xhieda kollha prodotti, stante li l-kaz beda quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Pero' hija semghet numru ta' xhieda relevanti anke fi stadju tal-Prosekuzzjoni w ghalhekk xorta thoss li hija f'posizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament tax-xhieda li xehdu u tikkonstata x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi kif inhu ben saput, sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju li ma jhallix lill-gudikant ikollu dik il-konvinzjoni morali dwar ir-responsabbilita' kriminali tal-persuna akkuzata. Dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi la naha w lanqas ohra. Huwa l-akkuzat, li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbilita'. [Vide **Il-Pulizija v Joseph Zampa et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 1998.]

Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [Vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu 2000].

Kwantu ghal provi indizzjarji li gia saret referenza ghalihom, din il-Qorti tfakkar f'dak li nghad minn **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952] AC 480, 489** fejn intqal:

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." [vide* **Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998.*]*

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun** fejn gie dikjarat li *"huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci".*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil:**

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li bhal ma ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza fis-17 ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali li:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fid-dawl tas-suespost, ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi cirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni bil-ghan sabiex tistabilixxi jekk humiex diretti fl-istess direzzjoni u cioe' jekk iwasslux ghall-htija tal-imputati.

Jidher li l-Prosekuzzjoni esebiet numru ta' stills li gew mehuda mis-CCTV camera li kellhom l-imputati, pero' fl-ebda still m'hemm xi ombra ta' dawl li l-imputati kienu qed iferu lil Seisun. Jidher li kien hemm xi incident u li veru Seisun spicca fil-hanut ta' l-imputati liebes il-gakketta *Combat* imqatta', pero' xejn aktar. Lanqas ritratti tal-allegati dmija li tkellmet dwarhom l-Ispettur ma jidher li kien hemm.

M'hemmx dubju li l-imputati fil-fatt laqghu ghall-aggressjoni tal-malvivent waqt li kienu gewwa l-hanut taghhom u waqt li l-malvivent kien appena seraqhom. Seisun ma jidentifikax min effettivament kien laqtu, anzi jghid li kien hemm terza persuna li mhux imressqa l-Qorti, w fil-konfront ta' Joseph Micallef jichad li dan fil-fatt ferrieh f'xi hin.

L-imputati eccepew id-difiza ta' Legittima Difesa u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha qabel xejn tispjega tali difiza u mbaghad tkompli biex tiddiskuti l-fattispecie tal-kaz.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel (1) ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Mizzi</u>** dwar id-difiza ta' Legittima difesa. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Id-difiza ta' legittima difesa hija <u>limitata</u> ghall-kazijiet fejn persuna tkun qed tigi <u>akkuzata b'omicidju voluntarju jew offiza volontarja</u> fuq il-persuna mhux fejn l-akkuza tkun <u>ma' xi reat iehor</u>; in-necessita' hija differenti wkoll mid-difiza tal-koazzjoni, din tal-ahhar kontemplata fl-Artikolu 47(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Dwar il-fatt li l-imputati agixxew in legittima difesa, l-Qorti tirrileva li hemm kontemplata fl-**Artikolu 223 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta s-segwenti:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita' legittima, <u>jew mehtieg mill-bzonn</u> attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Fil-waqt li fl-**Artikolu 224 tal-Kap. 9**, dan isemmi certi kazijiet (li taht l-ebda mmaginazzjoni ma hi ezawrijenti) ta' necessita' attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li huwa veru li d-dritt ta' legittima jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza.

Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha u cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli.

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara ta' offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

Kif gie tenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Psaila** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ghoxrin (20) ta' Jannar, 1995**,** l-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun imminenti, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dak jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu jrid ikun wkoll assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor.

Hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv, kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza.

Kif fil-fatt l-**Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Attard** deciza fil-hdax (11) ta' Novembru, 1968 jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-**Carrara** li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

L-imputati jridu jipprovaw li dak li ghamlu, ghamluh stante l-istat psikologiku li kienu jinsabu fih f'dak il-mument, biex jevitaw xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat.

Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu jrid ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setax jigi evitat b'xi mod iehor.

Il-**Professur Mamo** jispjega li:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Issa fil-kaz in desamina m'hemmx dubbju li l-imputati kienu bezaghna minn Seisun li kien dahal fil-hanut taghhom darbtejn fl-istess jum biex jisraqhom waqt li kien liebes beritta u *combat jacket*. Jinghad li Seisun ha hsieb jilbes hekk bil-ghan li ma jintgharafx peress li kien gja jaf lill-imputati u tant irnexxielu li filfatt lanqas kienu gharfuh qabel ma zammewh biex jistenna l-pulizija. Jidher li l-vittma kien ifferocjat - skond kif iddeskrivih Joseph Micallef fl-istqarrija tieghu, liema stqarrija ma giet kontradetta minn hadd, tant li hadd ma seta' jzommu w tant li kien ser jaqbez minn fuq ghal isfel. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-imputati agixxew kif agixxew sabiex jiddefendu lilhom infushom u ghalhekk tali difiza qieghda tigi akkolta fir-rigward tal-ewwel akkuza.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' dik ta' sekwestru ta' persuna, huwa minnu li l-imputati zammew lil Seisun milli jitlaq liberament mill-hanut taghhom sakemm tasal il-pulizija fuq il-post, u dan ai termini tal-**Artikolu 86 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**Artikolu 355W(1) tal-Kodiċi Kriminali** jipprovdi:

"*Kulħadd ukoll jekk ma jkunx uffiċjal pubbliku jista' jagħmel arrest mingħajr mandat lil xi ħadd li jkun fl-att li jagħmel jew li jkun għadu kemm għamel delitt li jolqot il-paċi u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omiċidju volontarju jew offiża kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dħul volontarju illegali jew ħsara lill-proprjetà.*"

L-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 355W, u konsegwentement l-ezenzjoni mis-sanzjoni tal-Ligi ghall-arrest illegali predisposta fl-Artikolu 86, bil-fors ghandha tkun wahda restrittiva. Dan mhux biss biex tassigura li l-arrest mill-privat isir b'rispett u salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tal-persuna li l-privat ikun ser jarresta, imma anke biex jigi assikurat li dan id-dritt tal-privat jigi ezercitat eccezzjonalment u konsegwentement jigi evitat li kull min jidhirlu (gustament jew ingustament) li xi hadd iehor ghamel xi haga hazina, jusurpa l-poteri tal-pulizija bil-perikoli kollha li dan jista' jgib mieghu.

Illi tenut kont ta' dan, fil-fehma tal-Qorti, il-kliem "*jkun ghadu kemm ghamel delitt* ..." fl-artikolu 355W ghandhom jigu interpretati fis-sens li l-persuna koncernata ghandha tigi arrestata immedjatament wara l-eghmil tad-delitt.

Issa fil-kaz in esami ma kien hemm l-ebda trapass taz-zmien u dan ghaliex l-imputati zammew lil Seisun milli jtilaq mill-hanut taghhom appena sabuh qed jisraqhom u beda juri agressjoni maghhom. Kien f'dan il-mument li zammewh mal-art sakemm gew il-pulizija, meta fil-pront ghaddewh lilhom. Ghalhekk dak li ghamlu l-imputati zgur li jaqa' fil-parametri ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 355W tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 23, 31, 86, 87 (1) ( c), 111(2), 216 (1) (a) (ii) (b), 335W, 382A, 383, 383, 386, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>tiddeciedi li ma ssibx lill-imputati JOSEPH MICALLEF, LUKE MICALLEF U CLYDON MICALLEF hatja</u>**

**tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u dan ghaliex fir-rigward ta' l-ewwel (1) akkuza qed tilqa' d-difisa ta' Legittima Difesa, filwaqt li ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza tiddikjara li l-akkuza ma gietx provata u konsegwentement tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.**

**Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 u sabiex tikkundanna lill-imputati jhallsu xi spejjez konnessi man-nomina ta' esperti stante li l-imputati ma nstabux hatja.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**